

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq l-allegat ksur tal-Artikolu 107 TFUE, ksur tal-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi u tal-prinċipju ta' proporzjonalità, żball manifest ta' evalwazzjoni, eċċess ta' poter u fuq nuqqas ta' motivazzjoni sa fejn d-deċiżjoni kkontestata tordna l-irkupru tal-ghajjnuna mill-Belġju.

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1699, tal-11 ta' Jannar 2016, dwar l-iskema ta' ghajjnuna li tirrigwarda l-eżenzjoni tal-qligħ eċċessiv SA.37667 (2015/C) (ex 2015/NN) implimentata mill-Belġju (notifikata bid-dokument numru C(2015) 9837) (ĠU L 260, p. 61).

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Novembru 2016 – Endoceutics vs EUIPO – Merck (FEMIBION)

(Kawża T-802/16)

(2017/C 022/61)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Endoceutics, Inc. (Quebec, il-Kanada) (rappreżentant: M. Wahlin, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Merck KGaA (Darmstadt, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni "FEMIBION" – trade mark tal-Unjoni Nru 989 924

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Lulju 2016 fil-Każ R 1608/2015-1

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata parzjalment u tiddikjara invalida t-trade mark tal-Unjoni għal "preparazzjonijiet farmaċewtiċi għas-sostenn tas-sistema ta' immunità, għall-menopawsa, għall-mestrwazzjoni, għat-trattament u għall-ġestjoni tat-tqala, għall-prevenzjoni, għat-trattament u għall-ġestjoni tal-istress, għall-prevenzjoni, għat-trattament u għall-ġestjoni ta' nutrizzjoni mhux ibbilanċjata jew defiċjenti";
- tordna lill-proprietarju tat-trade mark tal-Unjoni jħallas l-ispejjeż tar-rikorrenti fir-rigward tal-appell u tal-proċedimenti quddiem l-EUIPO.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009.